

# *Operation Husky*
# L-Invażjoni ta' Sqallija, l-Armistizju tal-Italja u parti mill-flotta Taljana f'San Pawl il-Baħar (1943)

Tagħrif miġbur minn Keith Muscat

F'Ġunju tal-1943 f'San Pawl il-Baħar u l-inħawwi tiegħu kien hemm preżenza qawwija tas-suldati tal-*8th Army* tal-Gran Brittanja. Dan kien parti mit-tħejjija għall-invażjoni ta' Sqallija. F'din l-operazzjoni, magħrufa bħala *Operation Husky*, ħafna suldati ħallew gżiritna, fosthom mill-port ta' San Pawl il-Baħar, biex taw bidu għall-proċess li wassal biex l-Italja ċediet f'Settembru tal-1943. Din l-operazzjoni kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha għall-Allejati. Il-Prim Ministru tar-Ingilterra Sir Winston Chruchill iddeskriva lill-Italja bħala '*the soft underbelly of Europe*' imma l-kampanja biex tiġi lliberata l-Italja, li bdiet propju bl-invażjoni ta' Sqallija, kienet waħda diffiċli u ġebbdet sa Mejju tal-1945.

**Sfond għall-Invażjoni**

Wara s-suċċess miksub mill-Allejati fl-Afrika ta' Fuq permezz ta' *Operation Torch*, u is-suċċessi tal-Allejati fuq il-qawwiet tal-Assi fit-Tuneżija, il-possibilita' ta' invażjonijiet mill-baħar, fil-Mediterran, reġat bdiet issir possibbli. L-Allejati kienu għadhom mhux b'saħħithom biżżejjed biex jagħmlu attentat u jinvadu n-Normandija, għalhekk din il-fażi kienet immirata biex jġegħlu lill-qawwiet tal-Assi itaffu l-pressjoni fuq il-front mar-Russja u fl-istess ħin iġegħlu lill-Italja toħroġ mill-gwerra.

Minkejja li l-Amerikani kienu aktar inklinati li jżidu l-pressjoni fil-Paċifiku u jwettqu attakki diretti fuq il-Ġermanja, l-Allejati qablu fuq din l-istrateġijja matul konferenza li kienet saret f'Casablanca f'Jannar 1943. Għalhekk bdew jitħejjew il-pjani għall-invażjoni ta' Sqallija. Il-Ġeneral Taljan Alfredo Guzzoni kellu tnax il-diviżjoni għad-dispożizzjoni tiegħu biex jiddefendi Sqallija, tnejn Ġermaniżi u għaxra Taljani. Dawn id-diviżjonijiet kienu magħmula minn 350,000 ruħ li minnhom 35,000 kienu Ġermaniżi. Numru ta' *pillboxes* u eluf ta' metri ta' *barbed wire* kienu jservu ta' deterrent għall-kontra invażjonijiet amfibji fil-bajjiet ta' Sqallija. Għalkemm id-difiża tal-bajjiet fil-gżira ma kienux b'saħħithom daqs dik li l-Allejati sabu ma wiċċhom fin-Normandija is-sena ta' wara, il-ġeoloġijja tal-postijiet tal-iżbark fi Sqallijja kienet tagħti vantaġġ lil min ikun qed jiddefendi kontra l-invażjoni.

Il-Kap Kmabdant tal-Allejati, responsabbli minn din l-operazzjoni, kien il-Ġeneral Dwight Eisenhower, bl-appoġġ tal-Kamdant tal-Qawwiet tal-Baħar, l-Ammirall Andrew Cunningham. Il-Ġeneral Alexander kien responsabbli għall-Qawwiet tal-Art, filwaqt li l-Qawwiet tal-Ajru kienu taħt il-kmand ta' Air Marshal Tedder.

**Il-Pjan u t-Tħejjijiet**

Il-pjan oriġinali kien jikkontempla żewġ żbarki separati, bis-*7th Army* tal-Istati Uniti tikkonċentra fuq il-majjistral, filwaqt li l-*8th Army* tal-Gran Brittanja tikkonċentra fuq ix-xlokk ta' Sqallija. Il-Ġeneral Montgomery ma qabilx, għax fl-opinjoni tiegħu dan il-pjan ma kienx wieħed li tista' tikoordinah mingħajr diffikultajiet kbar u b'hekk kien jintilef il-vantaġġ tas-sorpriża.



*Ħidma mwettqa fl-Underground Operation Rooms (Malta)*

2,760 biċċa tal-baħar, uħud speċjalizzati għall-operazzjonijiet bħal dawn, salpaw mill-iSkozja (River Clyde), Ingilterra (Norfolk), l-Istati Uniti (Virginia), Libanu (Beirut), l-Algerija u portijiet oħra fil-Mediterran biex ingħaqdu viċin Malta. Bejniethom kienu jammontaw għall-seba diviżjonijiet armati b'kull ma kien meħtieġ.

Il-pjani għal din l-operazzjoni saru bl-akbar reqqa. Imprezzabbli fl-ippjanar kienet l-esperjenza miksuba f'invażjonijiet li kienu saru f'Dippe (*Operation Jubillee*), fl-Afrika ta' Fuq (*Operation Torch*) u attakki oħra simili li kienu seħħew tul il-gwerra. Għal xi raġuni, il-Kmandanti ta' din l-operazzjoni, fosthom Cunningham u Tedder, naqsu milli jwaqqfu ċentru ewlieni tal-kmand biex ikun hemm koordinament sħieħ tal-manuvri fl-art, fuq il-baħar u fl-ajru. Kieku sar hekk, kien ikun hemm ħafna aktar komunikazzjoni effettiva u l-informazzjoni kienet tasal aktar malajr, speċjalment meta l-battalja kienet fl-eqqel tagħha.



Uffiċċjali għolja kienu mifruxa madwar il-Mediterran kollhu, minn Malta sa Bizerta (Tuneżija), sabiex f'każ li tqum xi emerġenza, id-deċiżjonijiet ikunu jistaw jittieħdu b'mod effettiv u fl-eqsar ħin possibbli. F'każ li kollox jimxi ħarir, Eusienhower u Montbatten, li kieu stazzjonati f'Malta, kellhom jirċievu konferma li l-invażjoni bdiet permezz ta' bulettin tal-aħbarijiet imxandar mill-*BBC*.

Il-qawwiet kienu mqassmin kif ġej:

*Force A*, immexxija minn Rear Admiral Troutbridge, kienet iffurmata mit-*13th Corps* u mill-*5th* u l-*50th Divisions*. Dawn kellhom jiżbarkaw bejn Sirakuża u Avola fix-xlokk ta' Sqallija.

*Force B*, immexxija minn Rear Admiral McGrigor, magħmula minn *231 Independent Brigade*, it-*30th Corps* u l-*Highland Division*, kellhom jikkonċentraw fuq Marzamemi, u x-xlokk tal-gżira fl-inħawwi ta Cape Passero.

*Force V*, immexxija minn Rear Admiral Sir Philip Vian, magħmula minn *1st Canadian Division*, kellhom jiżbarkaw fil-punent ta' Sqallija.

Il-qawwiet Amerikani, immexxija minn Lieutenant-General Patton u Vice-Admiral Hewitt, magħmula minn *US 7th Army* u l-*US 11 Corps* kellhom jinvadu l-inħawwi strateġiċi bejn Scicli u Licata, li fil-viċinanzi tagħhom kien hemm l-ajruport ta' Gela. Il-kumplament tal-*Armoured Division* inżammet fuq il-baħar bħala riserva.

Kien hemm ukoll numru ta' interventi speċjalizzati, fosthom l-intervent tan-*No 3 Commando* u s-*South African Squadron* tal-*SAS* f'Sirakuża; l-intervent tar-*Royal Marine Commando (No 40 u 41)* viċin Pachino u l-involviment tal-parakadutisti Amerikani u Ngliżi li kienu jinżlu viċin postijiet strateġiċi, bħal ajruporti, biex jiffaċilitaw it-teħid tagħhom.

Ma jistax jonqos li f'operazzjoni kumplessa ta' din ix-xorta jinqalaw kunflitti ta' nteress bejn il-partijiet konċentrati. Per eżempju, filwaqt li l-s-suldati li kienu se jillandjaw bil-paraxut kienu jippreferu ljieli fejn id-dawl tal-qamar ikun qawwi, dan kien jaffetwa ħażin lill-flotta għax il-bċejjeċ tal-baħar isiru aktar viżibbli u jkunu aktar vulnerabbli għall-attakki mill-ajru. Id-deċiżjoni xaqilbet favur is-suldati, għax l-Allejati kellhom superjorita fl-ajru u setgħu iwaqqfu l-attakki tal-Assi.

L-Allejati, b'mod astut, irnexxielhom jikkonvinċu lill-Ġermaniżi li l-operazzjoni li kienu qed iħejju kienet immirata lejn il-Greċja jew Sardinja. Tant hu hekk li l-Kap Kmandant tal-Luftflotte 2 ikkonċentra r-riżorsi tal-qawwiet tal-baħar tal-Assi f'dawn l-inħawwi. Pantelleria u Lampedusa kienu diġa ċedew f'nofs Ġunju u l-attakki kontinwi mill-ajru fuq l-ajruporti li kien hemm fi Sqallija, li bdew seba' tijiem qabel *Operation Husky*, ħallew il-frott għax ebda ajruplan tal-Assi ma ta' fastidju lill-flotta tal-Allejati li kienet qed tersaq lejn Sqallija.

### L-Iżbark

It-temp xejn ma kien favorevoli għax qam riħ Majjistral forza seba'. Dan wassal biex it-truppi Kanadiżi u Amerikani żbarkaw f'kundizzjonijiet ħżiena ħafna, b'ħafna mis-suldati u l-apparat imxarrbin għasra, biex ma nsemmux dawk li għamlilhom id-deni l-baħar. Fil-partijiet fejn ma kienx jaħkem ir-riħ l-iżbark seta jseħħ mingħajr diffikultajiet kbar. Dan għaliex peress li t-temp kien ħażin, l-Assi ħasbu li l-iżbark ma kienx se jseħħ u għalhekk ir-reżistenza fil-bidu kienet fjakka jew ineżistenti.



It-temp ħażin affettwa l-operazzjoni li kellha ssir mill-ajru wkoll. Il-qawwa tar-riħ affetwat lit-truppi Ingliżi u Amerikani li ttajru mit-Tuneżija lejn Sqallija permezz ta' 137 glider u 400 ajruplan tat-transport. Dawn spiċċaw biex tferrxu ma kull parti tal-gżira, b'uħud minnhom saħansitra jispiċċaw fil-baħar u jitilfu ħajjithom fl-ilmijiet imqallba.

Madanakollu l-qlubijja murijja mis-suldati tal-Allejati bdiet tħalli l-frott għax il-qawwiet li kienu qed javvanzaw lejn Katanja, jiġifieri l-*8th Army u l-XII Corp*, ħadu f'idejhom Sirakuża nhar l-10 ta' Ġunju u Augusta fit-13, sakemm sabu oppożizjoni mill-qawwiet tal-Assi f'Lentini. Il-Ġermaniżi offrew reżitenza qawwijja wkoll fl-inħawwi tal-Etna, kif ukoll fl-inħawwi tal-mitjar ta' Gerbini. Minn naħa l-oħra, l-uniku reżistenza serja li sabu l-Amerikani kien f'Gela, fejn il-*1st US Division* u l-battaljun tat-tankijiet sabu qiddiemhom il-qawwiet Ġermaniżi jirreżistuhom. Fit-22 ta' Lulju, l-Amerikani taħt il-kmand tal-Ġeneral Patton ħadu taħt idejhom Palermo u baqaw javvanzaw sal-Etna. Il-Ġermaniżi baqaw joffru reżistenza, imma meta l-qawwiet Ingliżi hadulhom Adrano fis-6 ta' Awissu u l-Amerikani ħadulhom Randazzo fit-13 ta' Awissu, il-pożizzjoni tagħhom ma baqgħetx tenibbli.




*Operation Husky* kienet suċċess kbir għall-Allejati. Minkejja kollox din kienet rebħa importanti ħafna għax fetħet it-triq għall-invażjoni tal-Italja. Lill-Assi din l-operazzjoni switilhom 37,000 suldat Ġermaniż u 130,000 Taljan, li ħafna minnhom inqabdu priġunieri. L-Allejati tilfu 31,158 suldat, bejn mejtin, feruti u mitlufa.

***OPERATION AVALANCHE* – l-Invażjoni tal-Italja.**

Wara li l-Allejati ħadu taħt idejhom Sqallija, Mussolini tneħħa mill-poter fil-25 ta' Lulju 1943, wara li r-Re Vittorio Emmanuele II, publikament ħabbar l-armistizju ma' l-Allejati. Il-gvern għadda f'idejn il-Marixxall Badoglio, li baqa jappoġġja lill-Ġermaniżi minkejja li kien jidher biċ-ċar li l-Italja kienet se ċċedi. Mussolini spiċċa bħala priġunier fl-inħawwi tal-Gran Sasso. Sa dan it-tant, Badoglio beda jinnegozja mal-Allejati bil-għajnuna tal-Ġeneral Ingliż Carton de Wiart li kien priġunier tal-gwerra. Rapreżentanti tal-Amerikani, l-Ingliżi u t-Taljani ltaqaw f'Lisbona u b'riżultat ta' din il-laqgħa ġie ffirmat l-armistizju, f'Sirakuża nhar it-3 ta' Settembru 1943. Fl-istess jum, il-qawwiet tal-Allejati qasmu l-Istrett ta' Messina u żbarkaw f'Reggio ġewwa l-Kalabrija biex ikomplu bl-avvanz tagħhom fuq l-Italja. Il-Ġermaniżi kienu qed jistennew li l-Italja kienet se tissieħeb ma' l-Allejati u ħadu azzjoni immedjata. Huma okkupaw Ruma iżda r-Re u Badoglio irnexxielhom joħorġu mill-belt kapitali b'diffikulta kbira.

**Parti mill-Flotta Taljana f'San Pawl il-Baħar**

L-Ammiralli tal-Flotta Taljana ma sarux jafu bl-armistizju qabel is-6.30pm tat-8 ta' Settembru 1943. F'dak il-perjodu il-flotta kienet maqsuma fi żewġ skwadruni. L-akbar skwadra, immexxija mill-Ammirall Carlo Bergamini, kienet topera minn Spezia, filwaqt li skwadra iżgħar, taħt it-tmexxija tal-Ammirall Alberto Da Zara, kienet topera minn Taranto. Nhar it-8 ta' Settembru 1943, fil-11.45 ta' filgħaxija, iż-żewġ Ammiralli ngħataw ordni li jsalpaw. Bergamini kien ordnat li jsalpa lejn l-Algerija, filwaqt li Da Zara kien ordnat li jieħu l-vapuri tal-gwerra li kienu taħt il-kmand tiegħu lejn Malta. Is-sottomarini Taljani li kien hemm fil-baħar Tirren ġew ordnati jmorru l-Algerija, filwaqt dawk li kienu qed joperaw fil-baħar Ionju salpaw lejn Sqallija. Bastimenti oħra tal-gwerra żgħar ġew ordnati biex imorru Porto Ferraio, Elba.



Wara ftit tar-reżistenza, nhar id-9 ta' Settembru fid-9 ta' filgħodu, waħda mill-iskwadri salpat minn Taranto, skortata minn HMS King George V. Huma waslu Malta l-għada wara nofsinhar u ankaw ftit il-barra mill-kosta ta' bejn il-Madliena u l-Qawra. Dawn kienu l-bastimenti tal-gwerra Doria, Duilio, Pompeo, Cadorna u Da Recco. Dawn tqegħdu taħt għassa stretta mill-Ingliżi.

L-Ammirall Bergamnini, li suppost kellu jieħu l-iskwadrun tiegħu lejn l-Alġerija, iddeċieda li ma jobdix l-ordnijiet li rċieva u salpa biss meta' kellu l-assigurazzjoni li l-ordni kienet ġejja mir-Re tal-Italja. Il-bastimenti tal-gwerra Roma, Vittorio Veneto, Italia, Eugenio, Montecuccoli, Aosta, Artigliere, Carabiniere, Fuciliere, Grecale, Legionario, Mitragliere, Oriani, Velite u t-*torpedo boats* Orione, Orsa, Pegaso u Impetuoso, salpaw minn Spezia, nhar id-9 ta' Settembru fit-3 ta' wara nofsnihar. Magħhom ingħaqdu l-Abruzzi, Garibaldi, Regalo u t-*torpedo boat* Libra li kienu salpaw minn Genova. Kollox kien sejjer kif ippjanat sakemm wara nofsinhar tad-9 ta' Settembru, il-bastimenti biddlu r-rotta. Flok baqaw sejrin lejn l-Alġerija, ippuntaw għall-Istrett ta' Bonifacio, bejn Corsica u Sardegnia, għax Bergamini kienet waslitlu nformazzjoni li r-Re kien ħarab u kien jinsab f'La Maddalena, f'Sardenja.

L-Ammirall kien infurmat minn Ruma li l-Ġermaniżi kienu qed jokkupaw La Maddalena u għalhekk ta' l-ordni biex il-flotta ssalpa lejn Spanja, li kien pajjiż newtrali. Il-flotta ġiet taħt attakk mill-qawwiet tal-ajru Ġermaniżi, li issa kienu qed jaraw lit-Taljani bħala għedewwa tagħhom. L-Ammirall u ħafna mill-ekwipaġġ fuq ir-Roma spiċċaw biex tilfu ħajjithom meta' waqt dan l-attakk intlaqat u sploda il-maħżen tal-armi. Il-*Battleship* tal-flotta Taljana ħa n-nar u għereq f'ħin qasir.

Il-kmand għadda f'idejn il-Viċi Ammirall Romoe Oliva fuq il-bastiment Eugenio. L-ewwel azzjoni li ħa kienet li jibgħat seba' bastimenti tal-gwerra (Regolo, Carabiniere, Fuciliere, Mitraglere, Impetuso, Orsa u Pegaso) biex jiġbru lis-superstiti tar-Roma. Il-Ġermaniżi reġaw attakkaw u din id-darba għamlu ħsara kbira lill-bastiment Italia. Il-flotta kienet għadha qed issalpa fid-direzzjoni ta' Spanja, imma wara insistenza u ordnijiet minn Ruma,

fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Settembru 1943, Oliva għamar biex ibiddlu r-rotta u bdew isalpaw lejn l-Alġerija. Sa dan it-tant, is-seba bastimenti wara li salvaw lil dawk li baqaw ħajjin mill-ekwipaġġ tar-Roma, pprvaw iduru lura bil-midruba lejn l-Italja. Huma nqabdu f'dilemma għax il-portijiet prinċipali fl-Italja kienu taħt il-kontroll tal-Ġermaniżi u fl-istess ħin ma kellomx biżżejjed fjuel biex jaslu l-Algerija. Għalhekk marru lejn il-gżejjer Baleariċi, fejn tnejn mill-bastimenti, il-Pegaso u l-Impetuso, ġew mgħarrqa mill-kmandanti tagħhom viċin Mallorca.

Nhar l-10 ta' Settembru, filgħodu il-bastimenti taħt il-kmand ta Oliva ingħaqdu ma' aktar bastimenti tal-Allejati il-barra mill-Alġerija u minn hemm salpaw lejn Malta. Nhar il-11 ta' Settembru 1943, l-Eugenio u żewġ bastimenti oħra ankarw taħt ir-riħ tal-Forti San Leonardo, filwaqt li l-*cruisers* ankraw fil-port ta' San Pawl il-Baħar u d-*destroyers* ankraw f'Marsaxlokk. Dak inhar, l-Ammirall tal-Flotta, Sir Andres Cunningham bagħat messaġġ lis-Segretarju tal-Ammiraljat kif ġej: "*Be pleased to inform Their Lordships that the Italian Battlefleet now lies at anchor under the guns of the fortress of Malta.*" Aktar biċċiet tal-qawwa navali Taljana komplew daħlin fil-ġranet ta' wara, bl-Allejati jiddeċiedu fuq id-destin ta' dawn il-bastimenti. Fil-maġġoranza tagħhom intużaq fil-ħidma kontra l-għadu jew għall-kura tal-feruti. Wara li ġie ffirmat it-tieni armistizju nhar id-29 ta' Settembru 1943, fuq il-bastiment HMS Nelson, li kien ankrat fil-Port il-Kbir, ħafna mill-bastimenti tal-gwerra Taljani tħallew jirritornaw lura l-Italja.

**Lura għall-Operation Avalanche**

Wara li ftaħt parenteżi fuq il-flotta navali Taljana, nerġa issa lura għall-invażjoni tal-Italja. Bl-Italja barra mit-taqbida, l-isbark tal-Ingliżi f' Reggio (3 ta' Settembru) u l-qbid ta' Taranto (9 ta' Settembru) mxew ħarir għax ma ltaqaw ma beda reżistenza. Madanakollu, mhux l-istess jista' jingħad għas-sitwazzjoni li sabu ma' wiċċhom is-suldati Amerikani tal-*5th Army*, meta fid-9 ta' Settembru għamlu attentat biex jiżbarkaw f'Salerno, viċin Napli. Hawn sabu ħames diviżjonijiet Ġermaniżi jistennewhom, apparti l-attakki mill-ajru tal-qawwiet tal-Assi li kienu qed jagħmlu ħsara kbira, speċjalment lill-bastimenti tal-gwerra li kienu qed iwasslu lis-suldati fl-Italja. It-taqbida damet għaddejja. Daqqa kien jidher li l-Ġermaniżi se jieħdu s-sopravent u oħra li l-Allejati se jirnexxhielhom jinfdu d-difiża. Fattur importanti kien il-bumbardamenti li kienu qed jagħmlu l-ajruplani tal-Allejati fuq il-postazzjonijiet tal-Ġermaniżi. Wara ħafna taqbid, fil-15 ta' Settembru il-Ġermaniżi bdew jaqaw lura. L-għada, parti mis-suldati tal-8th Army, li kienu avvanzaw mitejn mil fi tlettax-il ġurnata minn meta' żbarkaw f'Reggio, irnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-5th Army li kienu jinstabu madwar erbgħin mil fil-biċ ta' Salerno.

L-avvanzata tal-Allejati kompliet bit-teħid ta' Bari (22 ta' Settembru) u Foggia (27 ta' Settembru), fejn kien hemm mitjar tal-qawwiet Ġermaniżi. Montgomery ftit iltaqa ma' reżistenza sakemm it-truppi waslu fil-viċinanzi tax-xmara Biferno. Hawn bdiet taqbida sħiħa li fiha l-Allejati ħarpu minn fuq. Is-sitwazzjoni fil-punent tal-Italja kienet waħda simili. Il-belt ta' Napli ċediet fl-1 ta' Novembru. Dan wassal biex Kesselring irtira t-truppi Ġermaniżi lejn Volturno u wara li l-Amerikani baqaw isusu warajhom spiċċaw ħdjen ix-xmara Garigliano. Fit-24 ta' Novembru 1943 il-preparazzjonijiet għall-*Operation Overlord* (l-żbark tan-Normandija) kienu avvanzaw sew u għalhekk il-Ġenerali Eisenhwer, Montgomery u Bradley, flimkien ma *Air Chief Marshal* Tedder, marru lura lejn l-Ingilterra biex jikkonċentraw fuq

l-operazzjoni l-ġdida. Il-Ġeneral Sir Hanry Maitland Wilson ħa post Eisenhower, filwaqt li *Lieutenant-General Sir* Oliver Leese tpoġġa fit-tmexxija tal-*8th Army*.

Bosta truppi ġew irtirati mill-Mediterran biex jieħdu sehem fl-invażjoni tan-Normandija. L-Eight Army bdiet tiffunzjoni b'seba diviżjonijiet iffurmati ħafna minnhom minn suldati ġejjin mill-British Commonwealth, filwaqt li l-Fifth Army kienet iffurmata minn ħames diviżjonijiet Amerikani, ħames diviżjonijiet Ingliżi, żewġ diviżjonijiet Franċiżi u diviżjoni Pollakka li ntużat bħala riserva. B'kollox l-Allejati kellhom total ta' 20 diviżjoni biex jeħduha kontra 18-il diviżjoni Ġermaniżi. Ħamsa minn dawn id-diviżjonijiet kienu qed jgħassu in-naħa ta' fuq tal-Italja, tliet diviżjonijiet intużaw bħala riservi u 10 diviżjonijiet kienu qed jintużaw fil-ġlieda biex l-Allejati ma jkomplux javvanzaw.

Il-battalja ta' Garigliano bdiet fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Jannar 1944. L-Allejati ftit għamlu avvanż u meta fit-2 ta' Frar il-Ġeneral Mark Clark żbarka b'50,000 suldat f'Anzio, flok avvanza kontra l-linja tal-Ġermaniżi, pprefera jikkonsolida l-pożizzjoni tat-truppi tiegħu madwar il-bajja. Din il-mossa impediet milli l-Allejati jkompju javvanzaw u jagħmlu ħsara lill-Ġermaniżi. Hawn intilef ħafna ħin prezzjuż. Ir-reżistenza tal-Ġermaniżi tul ix-xmara Garigliano kienet formidabbli u l-fortizza ta' Cassino kienet tidher imbattibbli. Fid-29 ta' Jannar l-Allejati reġaw ppruvaw jieħdu din il-belt imma minkejja l-isforzi li għamlu kellhom jirtiraw lura fl-4 ta' Frar. Waħda mill-problemi li kienu qed jiffaċċjaw kienet l-Abbazzija ta' San Benedittu, li l-Ġermaniżi kienu qed jużaw il-pożizzjoni strateġika tagħha kontra l-Allejati. Kellu jsir pjan biex din ir-reżistenza titneħħa u nhar l-14 ta' Frar l-Allejati tefgħu ħafna karti mill-ajru javżaw sabiex l-abbazija tiġi abbandunata għax l-għada kienu se jeqirduha. Kelmthom żammewha għax l-għada 254 ajruplan tal-gwerra tefgħu 576 tunellata ta' bombi fuq l-Abbazija u ġabuha terrapien. Minkejja dan il-Ġermaniżi baqaw jirreżistu għax huma kienu bnew strutturi taħt l-art fejn setaw jistkennu u minn fejn komplew joperaw. Wara ġurnata oħra ta' bumbardamenti, l-Allejati reġaw intefgħu fuq l-attakk.

Kollox deher li kien se jkun għalxejn u għal perjodu ta' żmien l-Allejati waqfu mill-attakki tagħhom. Nhar il-15 ta' Marzu 1944 sar attentat ieħor. Wara bumbardament qawwi mill-ajru, iżda nieqes mill-preċiżjoni, kien imiss attakk ta' sagħtejn b'900 kanun. Wara daħlu fl-azzjoni it-tankijiet u l-infanterijja. Hekk kif dalam din l-offensiva ġiet imwaqqfa. Attentat ieħor sar fil-11 ta' Mejju. Din id-darba, minkejja li tilfu ħafna nies, il-*Polish Corps* irnexxielhom jinfdu minn naħa tat-tramuntana tal-belt u dan wassal biex Cassano ċediet fis-17 ta' Mejju 1944. L-għada il-Pollakki ħadu f'idejhom l-inħawwi tal-għolja tal-Monasteru wkoll.

L-Allejati komplew jagħmlu progress tul il-peniżola kollha. Ruma ħaduwha taħt idejhom nhar l-4 ta' Ġunju 1944 u b'hekk il-Ġermaniżi issa kienu ħarġu mill-Italja. Il-President Roosevel ikkummenta hekk: "*The first Axis capital is in our hands. One down and two to go!*"

References: Joseph Caruana, Malta's role in the surrender of the Italian Battle fleet to the Alliers in September 1943 – Times of Malta – Sunday, 19 January 2014.

Combined Operations – WW2 Land, sea and air forces of the Allied Nations planning, training and operating together as a unified force on amphibious raids and landings against the enemy – www.combinedcorps.com.